MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1619/2002

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**vs**

**Antonia Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm159.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz akbar ta' merkanzija li kienet mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez legali.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm159.00) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Lulju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**